**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spetturi Emanuel Camilleri / Sandro Zarb)

**vs**

**Mohammed Abdel Monem Abbas Aly**

Illum 6 ta` Gunju 2001.

Wara li rat il-hrug ta` mandat t`arrest provvizorju kontra Mohammed Abdel Monem Abbas Aly mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti fis-6 ta` April 2001, fuq talba tal-Avukat tar-Republika Dr Donatella Frendo Dimech ghal tali mandat intavolat fl-istess jum 'ai termini' tal-Artikolu 14 tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta:

Li huwa mfittex mill-awtoritajiet gudizzjarji tat-Turkija, pajjiz barrani imsemmi ghal-finijiet tal-Artikolu 7 tal-Att XVIII tal-1978 Dwar l-Estradizzjoni ( Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta, A.L. 131/1996).

Illi filwaqt li qed jigi esibit kopja ta` Mandat t`Arrest Provizorju mahrug kontra Mohammed Abdel Monem Abbas Aly mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti tas-6 ta` April 2001, flimkien ma kopja tal-mandat t`arrest mahrug mill-Istanbul/Fatih 1st Peace Court of Criminal Jurisdiction, fit-13 ta` Mejju 1998 (Riferenza 1998/101 MUT, 1998/8367 HZ) fuq l-allegat reat t`omicidju volontarju, ghall-liema raguni qed jintalab l-arrest ghall-fini t`estradizzjoni tal-imsemmi Mohammed Abdel Monem Abbas Aly;

Illi gie esibit messagg tal-Interpol tat-Turkija datat 13 ta` Mejju 1998, kif ukoll identifikazzjoni fotografika tal-istess Mohammed Abdel Monem Abbas Aly, kif ukoll il-fedina penali tal-istess Mohammed Abdel Monem Abbas Aly;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprocedi fil-konfront tal-imsemmi Mohammed Abdel Monem Abbas Aly ‘ai termini’ tal-artikoli u d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta Dwar l-Estradizzjoni.

Il-Qorti,

Rat illi fl-10 ta` April 2001 tressaq quddiema Mohammed Abdel Monem Abbas Aly, ta` 29 sena, ta` nazzjonalita` Egizzjana, bin Abdel Monem u Swahir, imwieled il-Kajr fil-21 ta` Dicembru 1971 u joqghod 4, Triq Ahmed El

Unsi, Helwan, l-Egittu u li ghandu passaport bin-numru 337309;

Rat l-Awtorita` ghall-procediment mahruga mill-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali;

Billi l-Gvern tar-Republika tat-Turkija, pajjiz barrani imsemmi ghall-finijiet tal-Artikolu 7 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni tal-1978, ghamel talba biex jitregga lura f`dak il-pajjiz Mohammed Abdel Monem Abbas Aly, cittadin Egizzjan, bin Abdel Monem u Swahir, imwieled il-Kajr fil-21 ta` Dicembru 1971 bil-passaport numru 337309 li hu akkuzat bid-delitt ta` omicidju volontarju ta` Edgar Fernandes, kif jidher fl-iskeda annessa u immarkata " X ", u ghalhekk bis-sahha tas-setghat moghtija lil Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali bl-Artikolu 13 tal-Att Dwar l-Estradizzjoni tal-1978, b`dan jordna illi jsir dwar l-imsemmi Mohammed Abdel Monem Abbas Aly, kif hemm provdut fid-dispozizzjoni tal-Att fuq imsemmi u l-iskeda ' X ' maghha mehmuza.

Rat l-ordni ghall-esekuzzjoni ta` mandat t`arrest provizzorju;

Rat l-atti kollha esibiti u d-dokumenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament, liema xhieda ittiehdet b`mezzi elettromanjetici skond il-ligi;

Semghet it-trattazzjoni tal-abili avukati li ittiehdet shiha;

Rat id-decizjoni taghha tas-26 ta` April 2001 li biha cahdet l-eccezzjoni tan-nuqqas ta` gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin imressqa fis-seduta tad-19 ta` April 2001.

Rat l-Arikolu 7 tal-Kapitolu 276;

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 8 tal-Kapitolu 276 li jirreferi ghal reati ta` estradizzjoni dwar Pajjizi Barranin specifikati li hi applikabbli ghal kaz dwar rekwiziti ghat-treggija lura u dan skond l-Avviz Legali 131 tal-1996 jghid li:

(1) Ghal finijiet ta` dan l-Att, reat li bih persuna tkun akkuzata jew kienet misjuba hatja f`pajjiz barrani specifikat ikun reat ta` estradizzjoni dwar dak il-pajjiz jekk:

(a) Ikun reat li dwaru kriminali mahrub jista` jitregga lura ghal dak il-pajjiz skond l-arrangament u li dwaru wiehed jista` jehel skond dik il-ligi, prigunerija ghal zmien ta` tnax il-xahar jew piena aktar; u

(b) L-ghemil jew in-nuqqas li jikkostitwixxi reat, jew l-ghemil jew in-nuqqas ekwivalenti biex

jikkostitwixxi reat kontra l-ligi ta` Malta li kieku sar f` Malta jew, fil-kaz ta` reat extra territorjali, fl-istess cirkustanzi barra minn Malta.

(2) Illi mill-provi prodotti fiz-zmien preskritt mill-ligi, hu sodisfacentement provat li Mohammed Abdel Monem Abbas Aly huwa l-istess persuna li hi akkuzata fir-Repubblika tat-turkija quddiem l-awtorita` gudizzjarja bir-reati indikati fl-iskeda markata bl-ittra "X" mal-Awtorita` ghal procdiment.

Jirrizulta wkoll li din il-persuna hi skond id-dokumenti, akkuzata f`pajjiz barrani specifikat, harget kontriha fid-19 ta` April 2001, awtorita` ghal procediment mill-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, kriminal mahrub li jista` jitregga lura lejn ir-Repubblika tat-Turkija skond arrangament kif kontemplat fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 276 u l-Avviz Legali 131 tas-sena 1996.

(3) Ir-reat in kwistjoni huwa taht il-ligi tar-Repubblika tat-Turkija *"maliciously killing another person according to Article 448 of the Turkish Penal Code."*

*"Whoever intentionally kills another shall be punished by heavy imprisonment for twenty four to thirty years'*

(4) Fil-ligi Maltija ir-reat jaqa` taht l-Artikolu 211 (1) tal-Kodici Kriminali (Titolu VIII, sub titolu 1 tal-Kapitolu 9).

(1) Kull min jinsab hati ta` omicidju volontarju jehel il-piena ta` prigunerija ghal ghomru.

(2) Hu hati ta` omicidju volontarju kull min dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, jikkagunalha l-mewt.

(5) Ir-reat hu soggett ghal prigunerija ta` aktar minn sena u hu reat ukoll f`dawn il-Gzejjer (ara Artikolu 8 tal-Kapitolu 276 fuq imsemmi u Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar Estradizzjoni ). Ghalhekk il-Qorti tqis li r-reat 'ut sic' huwa wiehed ta` estradizzjoni.

(6) Il-funzjoni ta` din il-Qorti bhal Qorti Rimandanti tinsab imfissra fl-Artikolu 15 tal-Kapitolu 276. Dan l-Artikolu jistipola li l-Qorti Mandanti ghandu jkollha l-istess funzjonijiet ta` Qorti Istruttorja u 'sa fejn jista` jkun l-istess poteri '. Minn dan johrog car li din il-Qorti ghandha tezercita l-funzjoni bazika li tisma u tigbor il-provi kollha li jressqu l-partijiet, u fl-gheluq tal-kumpilazzjoni tal-provi tiddeciedi, wara li tkun iddeterminat jekk l-akkuzi humiex bazati fuq reati ta` estradizzjoni, tiddeciedi ulterjorment jekk il-provi (humiex) bizejjed sabiex jiggustifika li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-

gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta` Malta (Artikolu 15 (3)(a) tal-kapitolu 276.

"Huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghadhux jew le tibghat lil persuna ghall-estradizzjoni, ghandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta` akkuza.

Fil-kaz li l-Qorti issib il-provi 'prima facie' jindikaw il-probabilita` tal-htija jew anke jekk ikollha dubbju f`dan ir-rigward, hija ghandha tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti Rimandanti ma ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-gudikant" (Appell Kriminali "Il-Pulizija vs Anthony Satariano). Ara wkoll "Il-Pulizija vs Alfred John Gaul (Qorti tal-Magistrati deciza fis-16 ta` Lulju 1981 u Appelli Kriminali "Il-Pulizija vs Stefano Mirabella, deciza fit-13 ta` Jannar 1971; ""l-Pulizija vs Mariano Zappala" deciza fit-13 ta` Jannar 1971; "Il-Pulizija vs Anthony Roberts" deciza fis-16 ta` Dicembru 1976; "Il-Pulizija vs Raymond Magri" fis-17 ta` Frar 1984; "Il-Pulizija vs Joseph Cemona" 14 ta` Jannar 1984; "Il-Pulizja vs Edward Cassar et" fis-26 ta` Gunju 1986; "Il-Pulizija vs Raymond Brincat" fid-9 ta` Dicembru 1987; "Il-Pulizija vs Joseph Lebrun" fil-5 ta` Ottubru 1997 u "Il-Pulizija vs Nicholas Ellul" fit-22 ta` Marzu 1991.

(7) Hawnhekk il-Qorti ser tikkonsidra il-punt imqajjem mill-abili difensuri Dottor Joseph Brincat li l-provi riedu jingiebu u jittressqu mill-pajjiz li qed jitlob l-estradizzjoni. F`dan il-kaz il-Pulizija inzertat li kienet ghamlet l-investigazzjonijiet taghha, hadet passi fuq certi affarijiet u ghaddiet it-taghrif lill-awtoritajiet tar-Repubblika tat-Turkija li ghamlu huma wkoll il-hidma taghha. F`dawn l-affarijiet stat jikkollabora ma stat iehor. L-argument tal-abbli difensur jista` jwassal ghal konkluzjoni ahharija li ghax il-pulizija f`pajjiz ghamlet stharrig biex tghin pajjiz iehor u taf l-affarijiet allegati 'de proprio' ma tistghax tixhed. Id-dmir tal-Qorti kif imfisser fid-dettal, fil-gurisprudenza imsemmija, hu li tigbor <u>il-provi kollha</u> u fuqhom taghti d-decizjoni taghha f`harsien strett lejn il-jeddijiet tal-bniedem. It-tezi tal-abili difensur fuq dan il-punt ma ssibx konfort la fil-ligi u lanqas fil-gurisprudenza.

(8) Ix-xoghol tal-Qorti Rimandanti mhux dak li tiddeciedi l-meritu, imma li tkun sodisfatta li 'prima facie' jikkonkorru ragunijiet bizzejjed sabiex il-persuna mressqa quddiemha tghaddi process, kieku r-reati lilha addebitati gew kommessi fil-gurisdizzjoni taghha. Il-valutazzjoni guridika tal-provi ghandha ssir skond ir-regoli tal-Procedura Kriminali ta` dawn il-Gzejjer.

(9) Il-Qorti wara li fliet l-istqarrija ta` Abbas Aly maghmula nhar it-Tlieta 12 ta` Mejju 1998, mehuda skond il-ligi

maltija, x-xhieda imressqa quddiemha, d-dokumenti mibghuta mill-Awtoritajiet tar-Republika tat-Turkija, tiddeciedi li ‘prima facie’ hemm ragunijiet bizzejjed biex il-persuna koncernata tigi processata bir-reat li ghalih giet arrestata;  jigifieri l-omicidju ta` Edgar Fernandes, citadin Ingliz, gewwa r-Repubblika tat-Turkija.  Il-Qorti ttenni li bl-ebda mod ma hi qed tidhol fi kwistjoni ta` htija jew le, ghax dan m`ghandha l-ebda setgha li taghmlu.

(10) Illi l-abbli difensur sostna wkoll illi l-piena tal-mewt f`dan il-kaz, skond id-dokumenti mibghutin mir-Republika tat-Turkija, mhux ”definitivament sospiza”, m`hemmx “non esekuzzjoni” kif m`hemmx l-ebda dokument mill-ghola Awtorita` tal-pajjiz li l-piena kapitali mhix applikabbli’

(11) Quddiem il-Qorti giet prezentata kopja tal-ligi numru 4616 mibghuta ufficjalment mir-Repubblika tat-Turkija u awtentikata ufficjalment (Dokument validu) fejn l-ewwel artikolu jghid:

“Because of the offences that (were) committed until the date 23rd April 1999:

(1) Capital punishments / death penalties sentences are not performed.  The execution provisions in the laws they subject are exactly applied about the persons in this situation.

(2) ……………………………………………..

(3) This law comes into force dating from its publication.

(4) The provisos of this law are performed by the Council of Ministers. 21/12.00

Skond l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 276 is-setgha li persuna ma titreggax lura hi f`idejn il-Ministru responsabbli ghall-Gustizja f`kazi fejn fil-pajjiz li qed jitlob it-treggigh lura hemm il-piena tal-mewt. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta din is-sottomissjoni tad-difiza.

Ghalhekk il-Qorti billi hija sodisfatta, wara li semghet il-provi, li dawn isosstnu t-talba ghat-treggieh lura ta` Mohammed Abdel Monem Abbas Aly u ma hemm l-ebda ostakolu ghal dan it-treggih lura, qed tibghat lil din il-persuna taht kustodja ghall-fini tat-treggiegh lura lejn ir-Repubblika tat-Turkija, skond il-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta` Malta. Qed tibghat l-atti lill-Avukat Generali u qed tgharraf lil persuna imsemmija bil-jeddijiet taghha skond l-Artikolu 16 tal-Kapitolu 276 jigifieri qed tgharrafha li ma tkunx se titregga lura qabel ma jghaddi hmistax il-jum mid-data ta` din l-ordni ta` kustodja u li tista` tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali u jekk jidrilha li xi wahda mid-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) u (2) tal-

Artikolu 10 ta` dan l-att giet miksura jew xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta` Malta hija, tkun giet jew x`aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta` kustodja tal-Qorti, hija ghandha jedd li titlob rimedju skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-imsemmija kostituzzjoni.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT